MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 126/2012

AB
vs

Dr Martin Fenech u l-PL Veronica Rossignaud li b'digriet tat-30 ta' Lulju 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-assenti C D J

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet zzewgu fl-1 ta' Settembru, 2007 fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta mill-liema zwieg ma twieldux tfal (Dok A);

Illi l-partijiet ilhom isseparati de facto sa mill-25 ta' Novembru 2011 meta l-konvenuta C D J telqet lejn l-Amerka;

Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skont it-termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-attur jaf b'dawn l-affarijiet personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg li gie kkuntrattat bejn il-partijiet fl-ewwel ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (01.09.2007), huwa null u minghajr effett a tenur ta' l-artikolu 19 (1) (d) u jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri;
2. Illi fit-tieni lok ir-rikorrenti irid jiddikjara jekk ghandu xi kuntratt maghha jew jekk jaf fejn tista tigi kkuntattjata;

3. Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet tal-1 ta' Settembru 2007 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255)

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

Ir-rikorrent jibda l-affidavit tieghu billi jaghti ftit informazzjoni dwaru, t-trobbija tieghu, l-edukazzjoni u l-passatemp tieghu tal-muzika li wasslu sabiex jiltaqa' ma' martu. Ghall-kuntrarju tal-istess rikorrent, l-intimata assenti kellha biss edukazzjoni sekondarja u ma kienitx tahdem meta kienet hawn Malta izda f'pajjizha, u cioe' r-Russja, kienet kantanta u interpretu. Filwaqt li jiddiskrivi lilu nnifsu bhala persuna emozzjonali, pacenzjuz u habrieki, jiddiskrivi lill-intimata bhala persuna emozzjonali, impulsiva u xi drabi bierda izda persistenti u thobb tkun ic-centru tal-attenzjoni minghajr ma tieqaf minn xejn biex tilhaq l-ghanijiet taghha.

Sar jaf lill-intimata meta kuginuha (li kien anke l-ghalliem taghha tal-kant) sab xi komposizzjonijiet tieghu fuq l-internet u kienet l-intimata stess li kienet agixxiet ta' interpretu. Minn hemm bdiet komunikazzjoni, ghalkemm ghall-bidu kienet wahda limitata izda mbaghad maz-zmien kompliet tizviluppa anke permezz tat-telefon u l-*Skype*.

Wara gimghatejn li r-rikorrent ghamel mal-intimata u l-kugin taghha Stanislav, il-partijiet saru jinhabbu tant li

kmieni fis-sena 2007 ipproponietlu z-zwieg. Ir-rikorrent jghid li ghalkemm kellu bzonn jahseb fuq din il-proposta, ftit tal-jiem wara, anke minhabba l-istat emozzjonali tieghu, accetta li jizzewweg. Sadanittant anke Stanislav beda juri interess li jitlaq minn pajjizu u peress li kien ovvju li l-intimata kienet ser tibbenefika mill-*freedom of movement,* anke hu beda jistaqsi lir-rikorrent biex jghinu joqghod Malta.

Il-partijiet izzewgu f'Settembru 2007 permezz ta' zwieg civili u jghid li l-ewwel sena wara z-zwieg kienet sena felici, izda wara dan iz-zmien bdew il-problemi ghaliex bdew jilletikaw prattikament fuq kollox, imma specjalment minhabba l-fatt li l-intimata hija persuna impulsiva u riedet taghmel kollox malajr filwaqt li r-rikorrent ikun irid jistenna l-hin opportun. Ezempju li huwa jsemmi huma l-pjanijiet ghall-emigrazzjoni taghhom lejn l-Amerika, fejn l-intimata riedet taqbad u titlaq filwaqt li r-rikorrent ried jistenna l-hin opportun sabiex jaghmel pass bhal dan. Barra minn hekk, il-fatt illi l-intimata ma kienitx tinsisti bizzejjed li ssib xoghol u l-fatt li kienet tiddependi ghal kollox fuq ir-rikorrent kien ukoll sors ta' inkwiet bejniethom.

Dwar l-intimita' ta' bejniethom, ir-rikorrent jghid li f'erba' snin zwieg forsi kienu intimi ghaxar darbiet b'kollox u ghalkemm hu ried li jkollhom l-ulied, l-intimata ma riditx tfal ghaliex it-tfal kienu ser ikunu fin-nofs u jinterferixxu mal-pjanijiet taghha li ssir kantanta famuza. Fil-fatt, ir-rikorrent jiddikjara li qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi minghajr protezzjoni.

Izid jghid ukoll li l-percezzjonijiet taghhom fuq l-imhabba kienu tant differenti li xtaq li sar jafhom qabel. Id-differenzi ta' bejniethom wassluhom biex jikkunsidraw divorzju. Fis-sena 2011 skopra li martu kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra izda skopra wkoll permezz tal-internet u *classified* taghha li jmur lura ghas-sena 2004 li kienet iddikjarat li qed tfittex li tiltaqa' ma' ragel li hu mill-Italja jew Malta u minn dan irrealizza li ma kienet ebda kumbinazzjoni li l-intimata spiccat iltaqghet mieghu permezz tal-intervent ta' kuginuha.

Jaghlaq billi jghid li l-intimata zzewgitu ghaliex riedet tigi hawn Malta u ghalhekk ma kellhiex intenzjonijiet nobbli meta ghamlitlu proposta ghaz-zwieg meta bilkemm kienet ghadha tafu. Jghid li l-importanti ghaliha kien li tizzewweg ragel Malti u ma kienx jimpurta min kien u ghalhekk ihoss li z-zwieg taghhom qatt ma ezista.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-Qorti tirrileva li mic-certifikat taz-zwieg ipprezentat in atti[1] l-unika prova li ngabet quddiem din il-Qorti hija x-xiehda tar-rikorrent. Ma giet esebita ebda prova ohra u ghaldaqstant, il-Qorti trid necessarjament tevalwa din ix-xiehda u tara jekk gewx pruvati l-elementi necessarji ghal dikjarazzjoni ta' nullita' jew le.

L-attur jghid li kienet l-intimata li ipproponiet iz-zwieg meta bilkemm kienu jafu lil xulxin izda wara li haseb fuq din il-proposta, accetta li jizzewwigha ghaliex kien ihobbha.

**<u>Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li***

[1] Ara a fol 4 tal-process

***ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg A**“***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, partikolarment il-fatt li r-rikorrent jghid li ried jahseb fuq il-proposta taz-zwieg li ghamlitlu l-intimata, juri fil-fatt li r-rikorrent kellu diskrezzjoni bizzejjed biex jifhem li din kienet decizjoni li ma tistax tittiehed b’mod legger imma ddecieda li jizzewweg ghaliex kien ihobb lill-intimata, minkejja l-fatt li kienu jafu lil xulxin ghal zmien qasir.

**<u>Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***rigward***

***x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Jirrizulta li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta' konvenjenza ghaliex riedet tigi hawn Malta u xejn aktar. Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda prodotta, ma hemm ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-intimata sabiex tidhol ghaz-zwieg odjern kienet dik relatata mal-*freedom of movement*. L-intenzjoni taghha kienet wahda u cioe' li takkwista d-dritt li tibqa' tghix Malta biex imbaghad tuza dak il-privilegg biex tkompli bil-pjan taghha u tmur l-Amerka kif fil-fatt ghamlet. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[2] **u Miriam Ramdan**

[2] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[3] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghas-sentenzi moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[4] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[5] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda tar-rikorrent u mill-fatti kif graw, ma hemm ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-intimata sabiex tidhol ghaz-zwieg odjern. L-intenzjoni taghha kienet wahda u cioe' li takkwista l-*freedom of movement* li ghaliha kien ifisser il-passaport ghall-karriera li riedet u xejn aktar.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[6] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mix-xiehda tar-rikorrent (li bl-ebda mod m'hija kontradetta u konsegwentement din il-Qorti m'ghandha ebda raguni

[3] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[4] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[5] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[6] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

ghaliex ma temmnux) jidher car li fil-mument tal-kunsens l-intimata riedet biss takkwista d-dritt li tghix hawn Malta minghajr problemi u mhux li tifforma xi forma ta' futur mieghu. Tant hu hekk li kienet l-istess intimata li rrifjutat li jkollhom l-ulied. Dan hu element essenzjali iehor taz-zwieg u l-eskluzjoni tal-prolazzjoni tal-ulied hija minnha nnifisha element li jaghti validita' *o meno* lill-kunsens.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata b'dan li l-ispejjez relatati mal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------